MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. MARIO SCERRI

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 99/2005

Mary Rose u Carmel konjugi Spiteri

vs

George Spiteri

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut li jhallashom is-somma ta’ sitt mija u wiehed u tletin lira Maltin u disa’ u disghin centesimi (Lm631.99) ghal xoghol li sar u spejjez ta’ parts li gew mibdula fuq il-magna ta’ karozza Triumph li sar mill-attur Carmel Spiteri fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tad-dsatax (19) ta’ Novembru elfejn u hamsa (2005), u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut li tghid hekk :

“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan stante illi l-kont huwa wiehed esagerat u dana kemm bhala spejjez ta’ parts kif ukoll bhala hinijiet ta’ xoghol, u l-ammont mitlub ghal kull siegha ta’ xoghol;

Illi inoltre, il-konvenut diga’ ghamel hlas fl-ammont ta’ erba’ mija u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm442), u ghalhekk l-ammont hekk kif mitlub ghandu jigi ridott b’dan l-ammont;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tat-tnejn (2) ta’ Dicembru elfejn u hamsa (2005).

Bl-ingunzjoni tal-atturi ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma mharrkin”.

Sama’ il-provi li ressqu l-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Sama’ lid-difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Il-hlas li qed jirreklamaw l-atturi huwa ghal xoghol ta’ *overhaul repair* tal-magna, xoghol iehor fuq is-sistema tal-brejkijiet, u bdil ta’ parts fuq il-vettura tal-konvenut tal-marka Triumph, ta’ mudell Herald 1200cc, bin-numru ta’ registrazzjoni TRH-120, liema xoghol fuq il-magna kien jinvolvi mhux biss xoghol li sar mill-attur Carmelo Spiteri nnifsu izda wkoll xoghol ta’ inginerija li sar minn Calypso Engineers,  kif ahjar gie spjegat fid-dettal fir-rapport tal-perit tekniku Joseph Zammit, liema xoghol ta’ inginerija gie wkoll imhallas mill-atturi. Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda principalment il-hlas li qed jirreklama l-attur ta’ haqq idejh. L-abbli perit tekniku fir-rapport tieghu iqis li ghal dan ix-xoghol kollu, wiehed normalment jiehu

madwar sittax il-siegha, tenut kont tal-fatt li l-vettura nvoluta fit-tiswijiet hija vettura li fuqha ma jezistu ebda kumplikazzjonijiet biex isir iz-zarmar u l-armar tal-magna, u li ghal dan ix-xoghol irid isir mill-inqas minn tnejn minn nies. Il-perit tekniku ffissa hlas lill-attur bir-rata ta' tmintax il-lira Maltin (Lm18) ghal dan ix-xoghol wara li qies ix-xoghol li kien involut li sar mill-attur. It-Tribunal iqis din ir-rata pero' kemm xejn eccessiva ghal kull siegha ta' xoghol li sar mill-attur fuq din il-vettura, u dan wara li ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha senjatament (1) il-fatt li ma kienx hemm xoghol fuqha mhux daqstant ikkumplikat, (2) ix-xoghol sar fuq vettura li ghandha l-fuq minn erbghin sena u l-valur taghha fis-suq huwa pjuttost wiehed negligibbli jew relattivament baxx hafna ghar-rata ta' hlas li biha kkalkula x-xoghol li sar kemm mill-attur innifsu, li zamm kwazi tnejn u ghoxrin lira maltin (Lm22) s-siegha, kif ukoll dik li giet iffissata mil-perit tekniku ta' tmintax il-lira maltin (Lm18) is-siegha, u fic-cirkostanzi kien dmir tal-attur li javza minn quddiem lill-konvenut bir-rata li biha jithallas tax-xoghol tieghu, li mhix vallapena li wiehed jaghmel hafna spejjez fuq vettura bhal din, u wkoll (3) il-fatt li l-perit tekniku qies ukoll bl-istess rata l-hin li l-attur ha biex ordna, xtara, u gab il-parts, li ghal dan ix-xoghol ma huwiex necessarjament mehtieg la li jsir minn aktar minn persuna wahda, u normalment il-parts illum jigu ordnati u konsenjati tramite l-kurrier jew mill-istess agent tal-parts minghajr hala zejjed taz-zmien, kif ukoll il-hin li l-attur ha biex il-magna ttiehdet u sar fuqha x-xoghol ta' inginerija, li lanqas ma kien necessarjament mehtieg la li dan isir minn tnejn minn nies u lanqas li jithallas ukoll ghal dan il-giri bl-istess rata li deherlu li ghandu jaghtih il-perit tekniku tax-xoghol li sar fuq il-vettura, u fic-cirkostanzi dan it-Tribunal iqis ir-rata ta' hmistax il-lira Maltin (Lm15) ghal kull siegha bhala rata aktar gusta u reali, u cioe' ta' mitejn u erbghin lira maltin (Lm240) ghax-xoghol kollu li sar mill-attur.

Dwar l-ispejjez tal-parts li gew mibdula u x-xoghol li sar minn Calypso Engineers jidher mill-provi li mhemmx kontestazzjoni, u mix-xhieda tal-konvenut a fol.17 *et seq* jidher li qed jaccetta dawn l-ispejjez, u l-perit tekniku kien gustifikat li jnaqqas ukoll mill-kont tal-attur l-ispejjez ta'

hmistax il-lira maltin (Lm15) tas-*cylinder head* billi ma jirrizultax car jekk l-attur biddilx is-*cylinder head* kompluta ma' xi wahda *second hand*, jew jekk ghamilx fuqu tiswijiet bhal ma huwa dak ta' *skimming*. Ukoll rigward dawn l-ispejjez tas-*cylinder head* baqghet lanqas ma giet prodotta jew ghallinqas ma tinsabx esibita in atti, ebda ricevuta ta' din il-*part* bhalma hemm u gew prodotti tal-*parts* l-ohra li gew mibdula.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jilqa' t-talba tal-atturi limitatament ghas-somma ta' hames mija u sitt liri maltin u disa' u disghin centesimi (Lm506.99) ekwivalenti ghal elf mija u tmenin Euros u seba' u disghin centesimi (Euros1180.97), jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi din is-somma, ammont dovut bhala hlas ta' xoghol u tal-ispejjez ohra li saru fuq il-vettura tal-marka Triumph Herald bin-numru ta' registrazzjoni TRH-120, inkluza bil-VAT, bl-imghax legali b'effett mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom ikunu quinta (1/5) parti a karigu tal-atturi filwaqt li l-kumplament a karigu tal-konvenut George Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------